# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 294/2015 MV**

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited (C-4729)**

**vs**

**Bowood Constructions Limited (C-14798)**

**Illum, 13 ta' Lulju 2016**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' rikorrenti permezz ta' liema jitlob lis-socjeta' Bowood Constructions Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' tmint'elef, mija, hamsa u disghin ewros u tnejn u ghoxrin centezmu (€8195.22) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' "catering equipment" mibjugh u kkonsenjat lilha flimkien ma' spejjez amministrattivi.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru u ta' qbid kawtelatorji pprezentati kontestwalment u tal-ittra ufficjali pprezentata fis-7 ta'

Dicembru 2012 u bl-imghax kontra s-socjeta' intimata mid-data tal-kunsinna li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' intimata kienet debitament notifikata bir-rikors promotur u bid-digriet tal-14 t'Ottubru 2015, bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fit-3 ta' Frar 2016;

Rat illi s-socjeta' intimata ma prezentat l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi u dokumenti kollha mressqa;

Rat illi fis-seduta tas-27 t'April 2016, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' ntimata hija kontumaci stante illi mhux biss ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talbiet attrici izda ukoll naqset illi tidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontestat bl-ebda mod it-talbiet attrici.

Illi fis-seduta tas-27 t'April 2016, Adrian Cutajar, rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti kkonferma bil-gurament it-talbiet fir-rikors u kkonferma wkoll li minn meta gew istitwiti l-proceduri odjerni ma sar l-ebda hlas u s-socjeta' ntimata baqghet ma ghamlet l-ebda komunikazzjoni mas-socjeta' rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta' rikorrenti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjeta' ntimata.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur